*Ħaż-Żebbuġ - Citta' Rohan*

***KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ***

**AĠENDA NUMRU 24 – 7 ta' Diċembru 2020**

***Minuti tal-erbgħa u għoxrin laqgħa tal-Kunsill tat-tmien Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Ċittà Rohan, li saret nhar is-7 ta' Diċembru, 2020 fis-6:00pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' virtwalment fis-6:00 ta' filgħaxija sabiex issir Aġenda Numru 24. Il-laqgħa bdiet fl-6:10pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Dr. Malcolm P. Galea** | Sindku |
| | **Mark Camilleri** | Viċi-Sindku |
| | **Steve Zammit Lupi** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| | **Philip Edrick Zammit** | Kunsillier |
| | **David Battistino** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| | **Patrick Bonnici** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |

**Assenti b'Apoloġija:** Ħadd

**Assenti :** **Ħadd**

**Pubbliku:** **Ħadd**

**Uffiċjal preżenti:** **Paula M. Valletta** Segretarju Eżekuttiv

---

## 24.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija għal din il-laqgħa.Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea informa lill-Kunsill li dakinhar stess kellu tieġ. Għaldaqstant kien maqbul mill-Kunsill kollu li item 24.4 'Estimi Finanzjarji 2021' jingħata preċedenza qabel l-items l-oħra li hemm fl-aġenda sabiex ikun diskuss fil-preżenza tas-Sindku.

## 24.4 Estimi Finanzjarji 2021;

Is-Segretarju Eżekuttiv kienet iċċirkolat l-estimi finanzjarji għas-sena 2021. Għal mistoqsija li għamel il-Kunsillier David Battistino minħabba li xtaq li jarahom qabel, hija rrispondiet li kien hemm xi punti li ġew kkjarifikati dakinhar mill-accountant u għalhekk kien hemm id-dewmien. Wara spjegazzjoni, fuq proposta tal-Kunsillier Clive Azzopardi ssekondata mill-

Viċi-Sindku Mark Camilleri, l-Estimi Finanzjarji għas-sena 2021 kienu approvati unanimament.

Il-Kunsill qabel li d-diskors dwar il-pjan finanzjarju għas-sena 2021 għandu jinqara mill-Kunsillier Clive Azzopardi fil-laqgħa tal-pubbliku virtwali li kienet ser issir aktar tard dik il-ġimgħa. Ġie maqbul ukoll unanimament li l-bilanċ kollu pendenti lil Bonnici Bros. jiġi mħallas f'Jannar 2021, dejjem wara diskussjoni mal-Accountant tal-Kunsill, sabiex jitnaqqsu l-interessi li qed jiġu mħallsa.

## 24.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea talab li jkun skużat mill-kumplament tal-laqgħa. It-talba tiegħu kienet aċċettata mill-kumplament tal-Kunsilliera. Għaldaqstant kompla jippressjedi l-laqgħa l-Viċi-Sindku Mark Camilleri.

Il-Viċi-Sindku Mark Camilleri ppropona li l-minuti jiġu approvati kif preżentati. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Kevin Glynn. Il-minuti ġew approvati unanimament.

Il-Viċi-Sindku beda billi rringrazzja lill-Kunsillier Philip E. Zammit tas-sehem tiegħu sabiex il-pjazza u Vjal il-Helsien ikunu mżejna għall-festi tal-Milied. Irringrazzja wkoll lill-Kunsilliera Patrick Bonnici u Steve Zammit Lupi għat-tħawwil tas-siġar li qed jieħdu ħsieb.

Il-Viċi-Sindku Mark Camilleri nforma lill-Kunsill il-Works Department daħħal Development Notification Order għaz-zona li hemm fejn il-flats ta' Triq il-Mitħna.

Ġie maqbul ukoll li għall-fondi li hemm għall-Belt Kapitali Kultura 2031 nħallu lir-reġjun japplika bħala reġjun.

**23.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

Ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni mis-Sindku.

**24.5 Ħatra Deputat Segretarju Eżekuttiv;**

Kien maqbul li dan l-item jkun diskuss darb'oħra fid-dawl li ħadd mill-impjegati tal-Kunsill m'huma nteressati.

**24.6 ECF198/06 u PA 07570/20 - Enforcement Notice - Site at Triq Attard, Zebbug;**

Il-Viċi-Sindku Mark Camilleri tkellem dwar dan is-sit li jinsab fit-telgħa ta' bejn Ħ'Attard u Ħaż-Żebbuġ fejn fih skart mormi li ilu jsir l-abbuż fih għal dawn l-aħħar 14-il sena. Qed isir ħruq ta' skart u rimi ta' skart goff u jkun hemm diversi residenti li jressqu l-ilmenti lejn il-Kunsill. Is-sid qed tinħariġlu multa kuljum. Is-Sid ta' dan is-sit applika sabiex dawn l-illegalitajiet ikunu ssanzjonati permezz ta' PA07570/20.

Waqt intervent kemm il-Kunsillier Steve Zammit Lupi u anke l-Kunsillier Patrick qablu li l-Kunsill għandu joġġezzjona għal din il-planning application. Kien hemm qbil unanimu li ssir din l-oġġezzjoni sabiex il-kampanja ta' madwar Ħaż-Żebbuġ tkun imħarsa għajr għall-Kunsillier George Cortis li astjena minħabba raġunijiet personali.

**24.7 Triq Dun Karm Psaila - Traffic Management;**

Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi għamel preżentazzjoni rigward is-sitwazzjoni ta' traffiku kurrenti fi Triq Dun Karm Psaila u t-toroq tal- madwar. Hu qal li s-sitwazzjoni hija inaċċetabbli u jeħtieg li l-Kunsill jindirizza din il-problema li dejjem tiggrava iktar ma jgħaddi ż-żmien. Waqt il-preżentazzjoni, Zammit Lupi wera riżultati ta' sondaġġ li għamel fuq inizzjativa personali fejn jindika li l-maġġoranza tar-residenti jixtiequ li isir pjan ta' immaniġjar tat-traffiku. Kien hemm qbil unanimu li issir azzjoni, u diskussjoni biex titfassal t-triq 'il quddiem se isir fil-laqgħa li jmiss.

**23.8 Vot tal-Flus;**

Wara diskussjoni, il-Viċi-Sindku Mark Camilleri ppropona li l-vot ikun approvat. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Philip E. Zammit. Kien hemm qbil unanimu.

**23.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa spiċċat fit-8:30pm. Il-laqgħa ġiet aġġornata sine die.

***Sindku (Mayor):*** Dr Malcolm Paul Galea MD MSc (Family Medicine) MMCFD MRCGP (Int)

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications,
Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA, Philip Edrick Zammit,
Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit),
George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut**, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:** zebbug.malta.lc@gov.mt **Tel:** 21 468181*

*Ħaż-Żebbuġ - Citta' Rohan*

## *KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ*

**Dr. Malcolm P. Galea**

**Sindku**

**Paula M. Valletta**

**Segretarju Eżekuttiv**

,


***Sindku (Mayor):*** Dr Malcolm Paul Galea MD MSc (Family Medicine) MMCFD MRCGP (Int)

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications, Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA, Philip Edrick Zammit, Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit), George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** zebbug.malta.lc@gov.mt ***Tel:*** *21 468181*